Onor. Dr. Borg, għeżież diretturi, kollegi, mistednin u ħbieb - **merħba**.

Inġbarna hawn il-lejla biex nfakkru t-twaqqif ta' din l-organizzazzjoni. Mhix ċerimonja twila, imma għalina u għal min għamel u qed jagħmel użu mis-servizzi ta' din l-organizzazzjoni, din hija ċerimonja importanti ferm.

Għaddew 32 sena minn mindu Dun Manwel u sħabu waqfu din l-organizzazzjoni – 32 sena ta' ħidma b'risq l-Għawdxin u l-Maltin.

Matul 2022 għamilna 2636 siegħa ta' prevenzjoni minkejja d-diffikultajiet li ltqajna magħhom. Għamilna 3790 siegħa ta' terapija ma dawk li qed isegwu programm fil-komunità waqt li kellna 3743 sodda mimlija.

Kellna 'l fuq minn 300 talba mingħand persuni li għandhom diffikultajiet ta' *addiction.* Kellna 'l fuq minn 200 persuna li bdew jirċievu terapija b'mod residenzjali jew fil-komunità. 36% kienu jgħixu Għawdex.

44% ġew għandna inizjalment minħabba diffikultajiet relatati mal-kokaina u 41% minħabba problemi relatati ma' alkoħol. Jinkwetana l-fatt li 6% biss avviċinawna minħabba problemi ta' kannabis, meta fis-snin ta qabel kellna rati wisq ogħla (2020 - 12% u 2021 - 10%).

84% kellhom xogħol stabbli u 15% kellhom mill-anqas *first degree.*

64% ta' dawk li talbu l-għajnuna tagħna trabbew f'ambjent ta' *addiction* u 57% għandhom it-tfal tagħhom.

10% m'għandhomx akkomodazzjoni stabbli.

Meta tħares minn perspettiva psiko-soċjali, dawn il-figuri huma indikazzjoni ċara li hawn familji li qed ibagħtu sforz l-*addiction*. Emmnuni, it-tbatija tal-familja hija kbira. Bħalissa qed jiġuni każijiet f'moħħi fejn żewġ familji sabu t-tfal tagħhom mejta minħabba d-droga fil-jum tal-Milied.

Dawn il-figuri juru wkoll li minkejja n-normalizzazzjoni u l-legalizzazzjoni tad-droga, hawn persuni li qed ifittxu ħajja aħjar 'il bogħod mill-użu tas-sustanzi. Għalhekk irrikorrew l-OASI.

Jibqa' l-fatt li l-motto li ħarġet bih il-Fondazzjoni OASI 32 sena ilu– **Il-ħajja sabiħa mingħajr id-droga** - għadu validu. Naħseb li dan huwa l-aqwa messaġġ li

fuqu għandha tiġi msejsa kull strateġija ta'prevenzjoni, kull terapija u kull strateġija ta' *Harm Reduction.*

Nhar il-Ħadd li għadda kien Jum il-Missier. Missier li għandu t-tifel ta' 'l fuq minn 20 sena li qiegħed Mount Carmel minħabba kondizzjonijiet relatati mal-ħaxixa, bagħatli messaġġ li it-tifel tiegħu għanqu għall-ewwel darba wara 6 snin ta' kombattiment mal-*addiction.* Kif nistgħu qatt nieqfu naħdmu, u kif nistgħu qatt nieqfu nistqarru li l-ħajja hija sabiħa mingħajr id-droga!

Nistqarr magħkom li nħossni grat lejn l-OASI għaliex permezz ta' din il-ħidma li wettaqna u qed nwettqu, irċivejt bil-wisq aktar milli tajt.

Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għas-sapport u għad-direzzjoni li nirċievi b'mod konsistenti m'għand id-diretturi.

Grazzi lill-membri kollha tal-istaff tal-ħidma, d-dedikazzjoni u tal-paċenzja tagħkom. Grazzi lill-voluntiera tal-entużjażmu tagħkom.

Grazzi lill-Ministru tal-Politika Soċjali u l-Ministru għall-Għawdex tal-għajnuna tagħhom. Ma nistax ma nsemmix lill-Mons Isqof li hu ta' spalla kbira għalina. Jiskużaw irwieħhom li ma jistgħux inkunu magħna llum.

Grazzi lir-rappreżentati tal-Caritas Malta u Sedqa li ġew biex jissapportjawna u jiċċelebraw magħna f'din iċ-ċerimonja.

Grazzi lilkom kollha li tissapportjawna matul is-sena u li ogħġobkom tingħaqdu magħna u tonorawna bil-preżenza tagħkom.

Is-sena l-oħra rringrazzjat b'mod partikolari lil min jaħdem fil-qasam tal-*addiction.*

Din is-sena, u hawn nemmen li qed nitkellem għan-nom tal-kollegi sħabi wkoll, xtaqt nuri l-apprezzament għas-sapport li aħna nirċievu m'għand l-familjari tagħna. Nistqarr li xogħolna mhux faċli – ġlieda kontinwa kontra l-kurrent. U meta mmorru lura lejn id-dar, l-familjari tagħna huma dawk li jieħdu paċenzja bina wara ġurnata iebsa.

Fl-aħħar, grazzi lill-OASI li tipprovdilna l-opportunità biex ngħarfu dak li huwa verament importanti fil-ħajja.  Grazzi.